IT-TIELET KTIEB
TAL-ERBATAX-IL SENA

SETTEMBRU
1938

IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Raġuni, mhux ġlied u tgħajjir — Il-Firma (IVO MUSCAT AZZOPARDI)—Daqsxejn ta' Nota Ortografika (D.K.) — Il-Lampa tas-Sagrament, Lill-Pjaċir, Il-Balluta mwaqqgħa (D. K.) — Il-għerf tal-ġnus (C. M.D.) — Il-Ħakem Baldassar (R.M.B.) — Kittieba Maltin u Kotba bil-Maltin (F.S.C.) — *Biblijografija*.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1938

RAĠUNI, MHUX ĠLIED U TGĦAJJIR

Il-kelma mwieżna, għaqlija li tirraġuna tirbaħ dejjem ; għax jekk ma tasalx biex iddawwar lejna lil dawk li ma jaqblux magħna fil-fehmiet tagħhom, tasal dejjem biex taqilgħelna r-rispett u l-istima tagħhom : il-kelma ħarxa, mqita, ġellieda, bil-maqlub ta' l-oħra, dejjem titlef ; għax, imqar jekk tasal biex tagħleb u tħarbat lill-għadu, dejjem tnissel reazzjoni : tirbaħ it-tazza jew il-palju, iżda titlef il-qima u r-rispett ta' dawk kollha li b'fehma tajba jkunu jħarsu biex jaraw kif sa tispiċċa l-partita.

Aħna smajna u qrajna bosta drabi kliem iebes fuq il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, u aktar fuq is-sistema ta' Ortografija li hi ħadmet u ħatret għaliha ; iżda kelma mwieżna, ħelwa, fejjieda minn min ma jaqbelx magħna ma waslitilna qatt.

Qalulna—u din hi waħda mill-ħoxnin—li l-Għaqda ġiet fid-dinja ta' Malta biex tagħmel il-ħsara biss, u ħsara kbira ; għax kieku ma kinetx il-Għaqda, il-Malti

kien jibqa' kif kien dejjem, ta' li hu; iservi għat-taħdit ta' kull jum, għal xi għanja mal-kitarra, xi sunett, xi ktejba tif kira, xi ħrafa għall-mogħdija taż-żmien u għal xi riċetta tal-kċina; iżda ma kienx jieħu xejra ta' lsien li jrid jiżżarġan u jippretendi li għandu letteratura u jrid jindehes u jgħodd ma' ilsna oħra li għandhom ħajja ta' bosta mijiet ta' snin u letteraturi tal-għaġeb.

Qalulna mbagħad li l-ortografija tal-Għaqda, bil-*k*, bil-*q*, bid-*w* u bit-tikki tagħha ġiet biex tħabbel il-moħħ l-ewwelnett ta' dawk li ma jafux ħlief bil-Malti, għaliex billi dawn imdorrijin b'ortografija ħielsa minn kull irbit, il-lum isibu ruħhom imfixklin mir-regoli ta' l-azzar ta' l-ortografija tal-Għaqda; imbagħad ta' l-istudenti wkoll, għaliex billi l-ortografija tal-Għaqda ma taqbelx la ma' dik ta' l-Ingliż, anqas ma' dik tat-Taljan, l-istudenti—l-aktar fl-eżamijiet—isibu ruħhom f'għawġ u fi twegħir kbir.

Żiedu qalu li aħna bl-ortografija tagħna ridna nfixklu x-xejra tal-Letteratura maltija, għaliex fil-waqt illi l-letteratura — li hi l-espressjoni safja tar-ruħ tannazzjon — ma taħmel ebda rbit u ebda xkiel, aħna ridna ndaħħlu, b'saħħa, ix-xkiel u r-rbit kollu ta' ortografija mgerfxa, u niddettaw kif għandha tinkiteb il-letteratura.

Ma noqogħdux insemmu iżjed, biex ma ndejqux lill-qarrejja tagħna. Iżda dan kollu li aħna smajna u qrajna ma hux ħlief ġlied u tgħajjir li ma fih ebda fejda; għaliex meta wieħed xtaq jagħmel ħaġa tajba,

u ħadem kemm sata' biex dik il-ħaġa sseħħ, u issa rnexxiet li biha wieħed jinqeda tajjeb, għalxejn tħambaq u tgħidlu kliem iebes, jekk inti ma għandekx xi ħaġa aħjar xi tqiegħed minflok dak li għamel hu.

Igħidulna dawn il-ħbieb tagħna għaliex kien ikun aħjar li l-Malti ma rfajniehx mill-marqad tat-tiben li fuqu kien mitfugħ; għaliex is-sistema ta' l-ortografija tal-*Għaqda* hi ħaġa mgerfxa u misterjuża; għaliex fixklet u ħawdet mhux biss lil min ma jafx ħlief bil-Malti, iżda wkoll lil min jaf b'ilsna oħra, igħiduhulna bil-galbu kollu u b'raġunijiet sodi, u aħna nwegħduhom li fejn naraw is-sewwa ninġibdu u nimxu warajh, għax aħna ma ridna qatt ħlief is-sewwa u t-tajjeb.

Iżda raġuni, mhux ġlied u tgħajjir.

IL-FIRMA

Il-bieraħ kont mistieden għand is-Sur Gaston Ridon li laħaq Direttur tad-Ditta fejn naħdem jien, flok is-Sur Mereaud li rafa' mix-xogħol wara erbgħin sena ta' ħidma bla heda biex isiefer għal kollox u jmur igħaddi l-bqija ta' ħajtu f'Art twelidu.

F'din il-laqgħa kien hemm mistednin ħafna nies għax is-Sur Mereaud, barra minn Direttur tad-ditta, kien midħla ta' bosta Xirkiet u Każini billi kien raġel ħabrieki li jinteressa ruħu f'kollox u għalhekk kien magħruf mill-aħjar nies mhux biss ta' ġensu imma wkoll tal-ħafna barranin li jgħamru f'din il-belt.

Dan il-Festin, mela, organizzat mis-Sur Ridon f'ġieħ is-Sur Mereaud, irnexxa kif tassew kien jixraq.

Ix-xwejjaħ Direttur tagħna, għalkemm imdaħħal fiż-żmien kien għadu fuq tiegħu u beda jilħaq ma' kulħadd. Raġel ħaddiem, mimli dehen u għaqal, u fuq kollox dħuli u qalbu tajba. Nies bħal dawn jistħoqqilhom li jaslu fl-ogħla mkejjen u wara bosta snin xogħol ħadd ma jista' jiċħdilhom xi snin ta' mistrieħ mistħoqq. U l-impjegati tad-Ditta kienu kollha sogħbiena li sa jitilfu raġel bħal dak; iżda konna msabbrin xi ftit għax dak li laħaq floku kien raġel li jixbhu f'kollox.

Waqt l-istedina l-kliem u t-taħdit beda jgħaddi minn suġġett għall-ieħor imma l-iżjed li beda jdur kien fuq il-karriera twila u sabiħa tas-Sur Mereaud u x-xwejjaħ tagħna kellu jgħid u jtenni, lil dak u lil dan, fattijiet ta' daħk u sogħba li ġraw lilu ma' tul it-tletin sena ta' ħidma.

Ma għandna xi ngħidu xejn, jien ukoll xtaqt nisma' xi ħaġa fuq dan u kont iżjed interessat mill-oħrajn, li ħafna minnhom kienu ħbieb tiegħu persunali ta' ftit sigħat u xejn aktar, fil-waqt li jien kont għaddejt miegħu snin sħaħ minn ħajti. Għalhekk, malli rnexxieli nsib ruħi waħdi miegħu, għedtlu :

"Sur Mereaud, nistħajlek xbajt ittenni l-istess ħaġa lil dawn in-nies kollha; u għandu mnejn ma tixtieqx iżżid lili magħhom !"

"Ħabib," weġibni kollu ħlewwa s-Sur Mereaud fil-waqt li taptapli b'idu l-leminija fuq spallejja, "taf li jien dejjem għamilt mill-aħjar biex nikkuntentak. Din id-darba, iżda, miniex sa ngħidlek dak li qed titlobni imma biss sa nurik it-trieq minn fejn tista' taqta' xewqtek."

"Niżżikħajr."

"Meta għada tmur fl-uffiċċju, jien naturalment ma nkunx miegħek iżjed, ħu dak il-ktieb l-oħxon li jinsab fuq l-ixkaffa li hemm wara l-mikteb tiegħi... le, li kien tiegħi...u li jaħasra mhux sa narah iżjed — Is-Sur Mereaud waqaf kemm-kemm biex jimsaħ demgħa żgħira li kienet qabżitlu minn għajnejh —F'dak il-ktieb li kull xahar l-impjegati juru l-ispejjeż tat-telefon, hemm il-firma tiegħi, tnax-il-waħda kull sena. Ħares lejhom sewwa, dawk il-firmi, iflihom bir-reqqa, ifhimhom... dik hija l-ħajja tiegħi... — Kienet sa tarġa' taqbiżlu demgħa oħra, aktarx kbira din id-darba u biex ma jħallinix nintebaħ warrab minn ħdejja u ħallieni hemm waħdi bħal erbgħa fost il-ġimgħa.

* * *

Is-Sur Mereaud kellu raġun għax meta l-għada filgħodu qbadt f'idi l-ktieb li fih l-impjegati tad-Ditta fejn naħdem, iniżżlu kull xahar l-ispejjeż tat-Telefon li jagħmel kull dipartiment, sibt fih ħjiel tal-għaġeb mhux biss tad-Direttur tagħna imma wkoll ta' dak li laħaq floku, tiegħi n-nifsi, ta' ħafna minn sħabi.

Dak il-ktieb kien juri l-mixi 'l quddiem ta' l-impjegati il-mard tagħhom, il-firda mid-Ditta ta' xi wħud minnhom, it-tluq għad-dinja l-oħra ta' xi oħrajn.

U iżjed ma bdejt inħares lejn dawk il-paġni mimlijin ċifri u firmi, bdejt nara quddiem għajnejja l-ħajja ta' kull wieħed minnhom. Iva, is-Sur Mereaud kellu raġun meta qalli : "Ifliħom bir-reqqa dawk il-firmi... ifhimhom... dik hija l-ħajja tiegħi."

X'kellha xtaqsam il-firma taż-żagħżugħ Mereaud, impjegat ta' tmien liri fix-xahar, ma' dik tad-Direttur Mereaud li kien jieħu mitt lira ? Ta' l-ewwel kollha xenxil u ċara li tista' tinqara minn nofs mil bogħod: "Jean Mereaud." Ta' l-aħħar erba' tħarbixiet twal, aktarx is-sinjali ta' l-ittri J, M u D, u bejniethom mewġa li torbothom flimkien, il-bqija ta' l-ittri... u xejn aktar.

Imma kienet ħaġa ta' studju u kurżità meta wieħed jara kif issawret dik l-aħħar firma minn fuq ta' l-ewwel, kif tbiddlet ma' tul l-erbgħin sena ħidma tas-Sur Mereaud: dik il-bidla li saret b'qajla kbira jiġifieri f'ħames mitt gradazzjoni kull waħda bogħod mill-oħra tletin jum.

Dik il-firma kienet tagħti ħjiel ta' kif kiber ix-xogħol fl-uffiċċju tagħna li kien fetaħ il-bibien bi tliet impjegati u l-lum igħodd 'il fuq minn mitt wieħed. F'dawk il-paġni fejn il-firma tas-Sur Mereaud kienet nieqsa kienet tfakkarna fil-jiem ta' btala. Kien hemm ħabta meta għal sena sħiħa l-firma tiegħu għabet għal kollox minn fuq il-ktieb. Iva, f'dik il-ħabta, id-Direttur kien marad mardaa kbira u għal daqsxejn ma ħalliniex għal kollox. Immsiegħtu kienet għadha ma wasletx u wara nuqqas twil raġa' deher biex ikompli dik is-sensiela ta' firmi. Issa li qed nosserva sewwa l-ħaġa qed nara li dik il-marda għamlet bidla kbira fil-firma tiegħu li minn soda u ċara saret ftit u xejn imriegħda.

Niftakar li wara xi snin li kien raġa' lura mill-marda, darba waħda, waqt li kien qed jiffirma u kien ġa laħaq

kiteb nofs ismu "Jean Mere..." ċempel it-telefon u peress li kellu d-drawwa malli jisma' ċ-ċempila jwieġeb bla ma jitlef nitfa żmien, dik id-darba wkoll ma kellux sabar itemm ismu u meta wara qabad il-pinna f'idu biex ikompli jiffirma, l-*e* tas-sillaba *re* ħasibha l-*e* tas-sillaba *Me* u ssokta jikteb '*reaud*'; għalhekk iffirma "Jean Merereaud." Iżda anqas induna u qafel il-ktieb u qiegħdu fuq l-ixkaffa. Jien l-għada malajr intbaħt u għedtlu u ma daħakx ftit u weġibni : "Dik il-firma tibqa' tfakkarna ta' kemm ikun aljenat kultant il-bniedem."

U issa li qed narġa' nara quddiemi dik il-firma qed niftakar f'dik il-biċċa li kienet tant ġagħlet jidħku lin-nies ta' l-uffiċċju kollu.

Dik il-biċċa tal-firma kienet tât lezzjoni ċkejkna lid-Direttur għax minn dak in-nhar kull meta kien iċempel it-telefon kien itemm dak li jkollu f'idu u jgħid f'qalbu : "Stenna ftit li ma ġġagħalnix nagħmel xi... ħmerija oħra."

Ma għandna xi ngħidu xejn dawk il-ħafna firmi kienu l-mera tal-karattru tad-Direttur Mereaud u kienu juru ż-żminijiet tiegħu meta ma' tul il-jum kien ikollu qajla xogħol x'jaqdi fil-waqt li f'oħrajn bix-xogħol li kien ikollu kemm kemm kien jista' jarfa' għajnejh minn fuq il-mikteb. Jew meta kien jitlaq 'il barra mill-uffiċċju mas-sitta u nofs sewwa fil-waqt li fi ġranet oħra kien jibqa' msammar mas-siġġu sal-għaxra ta' bil-lejl. Jew meta kien ikun kalm u mistrieħ, jew nervuż u għajjien.

Dawk il-firmi, kif stqarr sewwa s-Sur Mereaud, kienu l-ħajja tiegħu.

U issa li ħalliena għal kollox kienu sejrin igħibu miegħu. Dak ir-raġel hekk twajjeb kellna nitilfuh u l-ħaġa waħdenija li stajt nagħmel biex ma niftakarx iżjed fit-telfa tiegħu, kienet li ma nħaresx iżjed lejn il-paġni l-imgħoddija u b'hekk ma nħossx b'dak il-ktieb il-firda tiegħu.

Ivo Muscat Azzopardi

Lixandra, 19. 7. 1938.

Daqsxejn ta' Nota Ortografika

Nibda biex ingħid li jiena ma jeniex mgħallem biżżejjed f'dan is-suġġett, u din in-Nota sa nagħmiha biex jekk hi tajba taqdi ta' regula u jekk ma hix tajba, tqabbeż lil xi ħadd li jifhem sewwa jagħtina hu regula aħjar u isbaħ.

F'ħafna kitba li tidher sewwa f' "Il-Malti" u sewwa f'"Leħen il-Malti", biex ma nsemmix oħrajn, jidhru sikwit verbi fil-Passat tagħhom minn uħud miktubin bil-vokali *e* u minn oħrajn bil-vokali *a*; vokali li f'dan il-każ għandha saħħa u impurtanza speċjali, u tista' tbiddel għal kollox is-sens tal-kliem u tal-proposizzjoni.

Biex nagħtu xi eżempi; jiena sibt xi drabi min kiteb *sama'* (to hear) u xi drabi min kiteb *sema'*; xi drabi *tela'* u xi drabi *tala'*; xi waqt *ġema'* u xi waqt *ġama'* u r*e*fa' u r*a*fa', u bosta oħrajn.

Billi dan rajtu għajb, jiena għamilt ħilti biex nara nsibx xi sies, xi bażi tajba li fuqha nista' nibni regula soda, li ma titħarrekx, biex wieħed ikun irid jimxi fuqha, ikun jaf ta' bilħaqq li qiegħed jikteb sewwa.

Wara li għarraxt ħafna u flejt bir-reqqa dawn il-verbi u oħrajn li jixbhuhom jiena ġejt għal dawn il-konklużjonijiet.

1. Verbi li fl-Imperattiv għandhom żewġ konsonanti bejn żewġ vokali, u l-vokali ta' l-aħħar tkun *a*, il-Passat għandu jkollu *a* fl-ewwel sillaba; għalhekk jekk l-Imperattiv jagħmel ism*a*', il-Passat għandu jkun s*a*ma', mhux s*e*ma'; u hekk arf*a*' minn r*a*fa' itf*a*' minn tafa' eċċ.

2. Jekk l-Imperattiv joħroġ b'*i*, fil-Passat il-verb għandu jieħu *e*; eżempji: Aħm*i* jagħmel ħ*e*ma mhux ħ*a*ma; erħ*i*, r*e*ħa, aħbi, ħeba u bħal dawn, ibki, imxi, ifli, ikwi eċċ., li jagħmlu: beka, mexa, fela, kewa,.

Min-naħa l-oħra jekk fl-Imperattiv jidħlu tliet konsonanti wara xulxin bejn żewġ vokali, fil-Passat il-verb aktarx jieħu *a*, avolja fl-Imperattiv joħroġ b'*i*. Ara: ixtri, jagħmel xt*a*ra: istħi, jagħmel st*a*ħa u hekk xi wieħed ieħor.

Kemm hi u kemm għandha tkun sħiħa din ir-regula jidher mill-verbi itf*i* u itf*a*', *armi* u *arm*a li mill-vokali tal-Passat ibddlu s-sens kollu tal-kelma.

Għalhekk jien naħseb illi jikteb ħażin min jikteb *sema'* flok *sama'*; *ġema'* flok *ġama'* bħalma hu ħażin *tefa'* flok *tafa'* għajb agħar ikun jekk wieħed jikteb mod u ieħor jikteb mod ieħor, u għajb li ma jinħaferx jekk l-istess kittieb issa jikteb hekk u issa jikteb xort'oħra.

Intenni: Jiena ktibt hawnhkk dak li deherli li sibt; jekk dawk li f'din il-materja huma 'l quddiem iżjed, jistgħu jqiegħdu r-regula f'dawl aħjar, jiena u l-kittieba kollha għaqlin nibqgħu nafuhulhom

DUN KARM.

Il-Lampa tas-Sagrament

(Fil-knisja ta' l-Orsolini, tas-Sliema)

Fil-knisja ċkejkna l-ebda ħoss. Lubiena
l-aħħar dija tax-xemx tħammar fit-tieqa
bla ħeġġa: jibki leħen ta' qanpiena:
l-agħsafar jithejjew għal nagħsa wtieqa.

Waħdi fil-knisja wħedha, b'qalb għajjiena
mill-ġlieda ta' kull jum f'ħajja qarrieqa,
f'riġlejn l-artal fejn tgħix l-IMĦABBA, jiena
qiegħed kolni miġbur f'ħolma għaxxieqa.

Sikta wi dlam; iżda fid-dlam u s-sikta
hemm lampa ċkejkna tixgħel bla ma tehda;
żejt ċar bħad-dmugħ u tazza mingħajr nikta.

Ta' soru tajba x-xgħil ħidma ħafifa:
'mma f'dak ilsien tan-nar, tal-Mara Mwiegħda
jixgħel il-ħsieb, tħabbat il-qalb nadifa.

Nhar is-Salvatur,
10-15—11.15 a.m.

Lill-Pjaċir

Qarrieq mill-bidu, rsaqt bil-kelma rżina
fuq l-ewwel mara u bdejt il-ħajr għad-dnub.
Hi, fiergħa, m'għarfitekx: fil-ħolma bnina
li sawwartilha ħasset qalbha ddub

u rtifset tal-Mulej ċ-ċaħda ħanina,
u safa l-Bniedem minnufih midrub
fl-isbaħ setgħet tal-Qalb, u bdiet għalina
ħajja qalila taħt sultan magħdub.

U hekk, qarrieqi, taħt il-lbies tal-Hena
bqajt tindehes mal-ġnus, ulied il-Ħtija,
u żżid u tkabbar ir-rebħiet kull sena.

Iżda min ħabb lil Kristu u ssallab miegħu
għaraf, PJACIR, li int gidba faħxija,
maskra tal-Hena u l-akbar Għadu tiegħu.

22-23—VII—38.

Il-Balluta Mwaqqgħa

(Minn "La Quercia Caduta" ta' G. Pascoli)

Fejn kien hemm dellha, qiegħda issa mifruxa
mejta l-Balluta, u ma tilħaqx mar-rwiefen.
Tgħid in-nies: Ħares haw', koss kienet kbira!

Idendlu lhawn u lhinn mill-friegħi ħodor
il-bejtiet żgħar li ntisġu fir-rebbiegħa.
Tgħid in-nies: Ħares haw', koss kienet tajba!

Kulħadd ifaħħar; kulħadd jaqta'. Jagħnet
filgħaxija kulħadd bil-qatta tqila.
Fl-ajru... hemm biki... biki ta' bufula
li tfittex u ma ssibx il-bejta tagħha.

20—VII—38

Dun Karm

Il-GĦERF TAL-ĠNUS

QWIEL BARRANIN

(Tal-Latini)

1. Il-flus imexxu d-dinja.
2. Faħħar it-tmiem.
3. Ma' min jifhem, kliem ftit.
4. Mewt bil-ġieħ aħjar minn ħajja bla ġieħ.
5. Il-qatra tħaffer il-ġebla mhux b'saħħitha iżda billi taqa' bla ma tehda.
6. Għaġġel bil-mod.

(Tal-Franċiżi)

1. Il-ġmiel bla tieba huwa warda bla fwieħa.
2. Il-bniedem xejn ma jagħti iktar bil-qalb mill-pariri.
3. L-Imħabba qatt ma tmut f'daqqa.
4. Il-għajn tmexxi l-qalb.
5. Min irekken jaqla'.
6. Drabi għandek tibża' iktar mit-tabib milli mill-marda.

(Tal-Ingliżi)

1. Ir-rqad kmieni u l-bokra jagħtu s-saħħa l-bniedem, jagħmluh għani u bil-għaqal.
2. Iktar tbati biex tfaddal milli biex taqla'.
3. Ix-xorti ma tgħinx lil min ma jgħinx ruħu.
4. Il-ħniena tibda mid-dar.
5. Għasafar ta' rix wieħed jittajru flimkien.
6. Kûl toffieħa kull jum u t-tabib ma jirfisx f'darek.

(Tat-Taljani)

1. L-aħjar tpattija hija l-maħfra.
2. Min ġarrab l-imrar isib iktar bnin il-għasel.
3. L-inbid qisu nofs ħalliel.
4. Għani huwa biss min huwa b'saħħtu.
5. L-aħħar ħaġa li l-bniedem jitlef hija t-tama.
6. Aħjar tiżloq b'riġlejk milli bi lsienek.

(Tat-Tedeski)

1. Fejn tidħol il-ħjiena, in-nisa jġibu l-bandiera.
2. Min ma jafx igħallat imur jinħeba.
3. Min iżomm is-sellum huwa ħati daqs il-ħalliel.
4. Aħjar ikollok biż-żejjed milli ż-żejjed.
5. Ħażżeż ix-xitan fuq il-ħajt u huwa jfeġġ dikment.
6. Aħjar jibki l-iben milli l-missier.

(Ta' l-Ispanjoli)

1. Meta taqsam ix-xmara tinsa l-qaddis.
2. Missier jista' jżomm għaxart itfal, iżda għaxart itfal ma jżommux, il-missier.
3. Ġagħal lil ħaddieħor joħroġ is-serp mill-bejta.
4. L-aħjar mara hija dik li l-inqas jitħaddtu fuqha.
5. Mara mtajra hija l-purgatorju tad-dar.
6. Dak li l-belhieni jagħmlu fl-aħħar, il-għaref jagħmlu fil-bidu

QWIEL IMĦALLTA

(Għarbi)

1. Fl-infern ma hemmx imriewaħ.

(Russu)

2. Fuq spallejn ħaddieħor it-tagħbija hija ħafifa.

(Persian)

3. Erba' ħwejjeġ li kulħadd għandu minnhom iktar milli jaħseb : dnubiet, djun, snin, u għedewwa.

(Olandiż)

4. L-iskrapan imorru l-Knisja jitolbu biex il-baqar imutu.

(Tork)

5. Il-ħall ta' b'xejn aħjar mill-għasel mixtri.

(Lhudi)

6. Min gidmu serp jibża' minn tarf ta' ħabel.

C. M. D.

Il-Ħakem Baldassar

Id-dinja jaħkem Alla, kif iddur
bl-iġbla u l-bħur;
is-sema u b'kolma fih, kwiekeb u xemx !...
Kollha f'idejh qegħdin is-setgħajiet, (1)
fl-art u s-smewwiet !
Is-setgħa n-Nifsu Dan, u bħalu mhemmx !

U ma jenħtieġx imħalel...(2) Kbir bla qies !
Huwa l-għasluġ għakkies...
Is-sabar Dan in-Nifsu s-Sewwa l-Ħaqq !
Meta jitfawwar iżda l-kejl maħżuż,
lil min għal għelt isus,
Magħdub ! fix-xejn iġibu tabilħaqq !

* * *

Il-ħakem ta' l-Assirja Baldassâr,
kien darba ħtar
U stieden fuq elf ruħ għall-mejda miegħu,
l-ogħla kbarat tal-belt, l-agħ'r nies bla ġieħ...
U kif tala' l-inbid
f'rasu, amar li jrid
minn fuq l-imwejjed kollha minnufih
jitwarrbu dlonk it-tazzi tax-xorb tiegħu,

u jgħammru l-mejda f'lokhom, b'kemm-il tazza
kien hemm, bil-kiesa mqaddsa !...
u jieħu f'idu mal-mistiedna mxierek,
dawna l-kesien u jsawbu minn idejhom
ġewwa fihom l-inbid !...
u x-xeħwiet (3) ġiefja (4) jżid,
għax tal-kisien ikasbru l-ġieħ imbierek,
bid-diwi ta' l-intiena ta' xofftejhom !

---

(1) Il-plural ta' *setgħa* hi *setgħat*, hawn qiegħda għar-rima
(2) Imħalel = Riġmenti
(3) Xeħwiet = Xewqat ħżiena
(4) Ġiefja = Ħorox

Kif iżda t-tajfa nġabret hemm mar-re
tgħajjat urrè... urrè !...
Ġlajka moqżieża mingħajr ġieħ; għassara (5) !
bil-lġiem għal kollox merħi fit-tbahrid...
mal-ħajt tidhrilhom id,
li mliet bil-biża' lilu u 'l ħaddara !

U qarst ix-xama' wiċċ ir-re jitbiddel...
tkexkex bil-biża'... u tħiddel...
dawwar għajnejh fejn dehret l-id, u hemmu
sammarhom! Tkexkex minn fuq s'isfel...triegħed ...
u ried kieku jitbiegħed...
infileġ iżda dlonk u kesaħ f'demmu !

U "l-id tal-għaġeb" kitbet tliet kelmiet,
li ħadd mill-mistednin,
l-aħjar nies magħżulin
mir-re ma seta' jfisser... u staħbiet... !
fis-sala waqa' skiet !
Imkexkxa n-nies... u lejn xulxin bdiet tħares
għall-ħżuż li dehru: "*Mane, Thecel, Fares*" !

U kellha mart ir-re b'Daniel, tnebbiħa
li dana kien bassâr !
Talbet lill-Baldassâr
jgħajtulu: ġie Daniel : U b'fehma sħiħa
bid-deheb riedu jżejnuh
u l-porpra; u jqegħduh
fuq mambar b'ġieħ, u jitolbuh ilħiħa

jagħti tifsir lir-re tat-tliet kelmiet !
Dlonk resaq il-qalbieni
b'wiċċ kollu sebħ u ħiem !
"Xi tgħid il-kitba," qallu, "nfisser jien"
Mane : fit-trufijiet
hi ħajtek— għoddha ntfiet !
u *Thecel* : ġejt fil-keffa tal-miżien,

---

(5) Għassara = Għadira kollha tajn, mela għassara moqżieża, għadira li tħammġek jew tniġġsek

misjub ħafif ! u b'*Fares* Alla jfisser :
—Saltnatek tkun imferrqa,
ma ddumx bħal-leħħ ta' berqa.—
Kien widdbek il-Mulej bosta snin qabel
b'Nabukkodonosor... iżd'int bqajt tkisser
f'għamilek u f'imqagħtek !...
Għalhekk issa Saltnatek
imħarbta sejra tkun, qatta-bla-ħabel !

Bħal berqa leħħ il-ħlas tar-re ! Wis-siegħa
waslet fuqu bil-ħeffa :
u tqiegħed ġewwa l-keffa
tal-miżien t'Alla ! Kemm pattieha qares !...
Wara t-tbahrid u d-daqq,
feġġ dlonk il-jum tal-ħaqq:
"Mal-lejl tilef is-saltna u miet f'taqtigħa !
u twettqu fih, il-*Mane-Thecel-Fares*... !

* * *

Ma jeqleq il-Mulej fuq l-imkabbrin
li ma jridux joqogħdu;
għaliex il-lġiem jobogħdu !
Ma tgħaddix dqiqa fuq l-imbassar ħin !
U kif tasal is-siegħa
kollha, minn fuq il-qiegħa
magħdub jidrishom min hu fost il-ħajjin !

Ja slaten mela ta' kull ġens isimgħu,
Intom li l-ħaqq f'idejkom,
itgħallmu u iftħu għajnejkom:
Lil Alla mregħdin tnehduh u fih itimaw
b'imħabba safja aqduh
fil-waqt li tibżgħu minnu qalbkom tuh !
faħħsu (6) f'kull ħal (7) bl-għarbiel irqiq għamilkom,
Biex tferrqu l-jedd bil-ħaqq lil min isilkom !

R. M. B.

---

(6) Faħħas = għarbel; minn faħs : eżami

(7) Ħal = Stat

Kittieba Maltin u Kotba bil-Malti

Il-kittieba tal-Malti u l-kotba bil-Malti u fuq il-Malti qegħdin jiżdiedu kull jum. F'kull ħarġa tal-*Malti* ingħiduh dan, u forsi xi ħadd igħid—f'qalbu u forsi b'xofftejh ukoll,fejn ma jisimgħu ħadd jew fejn jisimgħuh in-nies—illi dejjem qanpiena waħda, imma kif it-tajra ma tistax ma tifraħx b'rixha, u iżjed u iżjed jekk ikollha rix biex tifrah bih, aħna, tajra żgħira li minn għalina għandna, jew għadu kif beda jkollna, rix biex nifirħu bih, ma nistgħux dana ma nxandrux, jekk jista' jkun ma' l-erbat irjieħ.

Niftaħru b'rixna u bil-frott tal-ħidma tagħna. Min kellu jgħidilna għoxrin sena ilu li sa titwettaq ix-xewqa li kellna f'qalbna u x-xewqa li kellhom f'qalbhom ta' qabilna, imnissla fuq il-mitt sena ilu minn missier il-Malti M. A. Vassalli: ix-xewqa li l-Maltin ikollhom ilsienhom miqjum għall-inqas minnhom infushom, imgħallem fl-iskejjel tagħhom, imxandar f'ġurnali, mitkellem u miktub bħala lsien ewlieni ta' għaqda ta' nies li b'riħitu tista' tissejjaħ nazzjon—għax, bħal ma kullħadd jaf, nazzjon ma tistax tissejjaħ nazzjon jekk ma jkollhiex ilsien.

Semmejt għoxrin sena ilu, mhux għax qabel ma kellniex kotba u grammatki bil-Malti, iżda semmejt għoxrin sena ilu, għax minn dik il-ħabta, minn meta bdiet dik it-tqanqila li wasslet għat-twelid tal-Għaqda tagħna, il-Malti beda jieħu xejra soda, beda jrabbi pedamenti fuqiex tibda tinbena letteratura, tinġabar il-qadima, tiżżewwaq u toktor il-ġdida, tilbes libsa, uniformi waħda u tasal biex tħajjar u trawwem kittieba ġodda li 'l quddiem għad ikunu kolonni qawwija għall-ilsien Malti.

Għoxrin sena ilu fuq il-*Ħabib* bdiet titqanqal revoluzzjoni siekta, ħiemda, li ħejjiet it-trieq għal rebħa kbira, ir-rebħa tal-Malti, rebħa li kellna x-xorti naraw b'għajnejna aħna stess.

Dik il-ħabta l-Malti ġa kien hemm min ħaseb fih: grammatiċi bħal Vassalli, Panzavecchia, Vassallo, prożaturi u poeti bħal A. E. Caruana, A. Preca, Dun Xand Cortis, Ġużè

Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, A. M. Galea kienu ġa ħasbu biex jiktbu u jgħallmu l-Grammatika tiegħu u jagħtu mirja ta' letteratura sabiħa, fejjieda u ta' mogħdija ta' żmien, iżda bħal suldati mxerrda, bla ebda rażna, bla ebda uniformi, bla ebda regolamenti, u kull ħadd għal rasu: kien jonqos ħaġa, kien jonqos il-għaqda ta' bejniethom għax il-għaqda biss tagħmel is-saħħa.

Tħabatna u għaqqadna għaqda bil-ħsieb li tmexxi t-tagħlim u l-kitba tajba Maltija u twaqqaf u żomm uniformità waħda fl-ortografija tal-Malti—ortografija waħda kif kellhom u għandhom l-ilsna l-oħra kollha tad-dinja.

Rajna ma' wiċċna: xejn ma kellna xi jqawwilna qalbna, kull fejn dawwarna wiċċna sibna wċuh imqarrsa b'nofs daħka, bsaten fir-roti bil-moħbi u bid-dieher, qlub bierda, bla ħeġġa... sa kemm id-dinja nqalbet... Stennejna u rajna r-rebħa!

Sibna għajnuna kbira mill-Gvern iżda l-Gvern sab għajnuna kbira minnha. Meta ġie biex jaqta' qatgħa fil-laħam il-ħaj, imur kontra d-drawwiet u l-opinjonijiet li kienu jsaltnu fuq Malta għal bosta u bosta snin, u jdaħħal il-Malti fl-Iskejjel, fil-Qrati, fid-Dokumenti u fl-Uffiċini tiegħu sab il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* bix-xogħol tagħha ta' erbatax-il-sena ta' studju, tiftix u ġabra ta' kitba, sab min jagħtih f'idejh grammatki, ġabriet ta' kitba, sab min jaqliblu għal Malti tajjeb dokumenti u liġijiet, sab min igħallimlu fl-iskejjel lit-tfal li 'l quddiem iridu jkunu missirijiet tal-Maltin ta' għada.

U l-frott tal-ħidma tal-Malti beda jidher iżjed, bdew ħerġin kotba u ġurnali fuq il-fehma u bl-ortografija tal-Għaqda. Il-Għaqda bdiet tfarfar rixha, dak ir-rix li l-lum qegħdin bid-dritt kollu nifirħu bih.

U lanqas ma baqgħet weħidha l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Minnha tnisslu għaqdiet oħra, mhux biss f'Malta bħalma hija l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) iżda sa barra minn Malta fl-Eġittu, nibtet Xirka biex fil-ħin li tgħaqqad il-qlub ta' Maltin il bogħod minn pajjiżhom, ixxerred fosthom kotba maltin sbieħ, ta' fejda u ta' mogħdija ta' żmien : Din hi x-*Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti.*

Dan is-sajf kellna x-xorti li naraw fostna żewġ rappreżentanti ta' din ix-Xirka is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Am-



KITTIEBA MALTIN FL-*OSBORNE HOTEL* 30 TA' AWISSU 1938 — Misluf mill-*"Berka"*

ministratur u s-sur Ant G. Said Editur, li huma wkoll Membri Onorarji tal-Għaqda tagħna, u ltqajna magħhom kemm-il darba. L-ewwel laqgħa li kellna magħhom kienet fit-30 ta' Awissu f'waħda mis-swali ta' l-"Osborne Hotel" fejn huma stiednu lil kittieba Maltin biex jiltaqgħu magħhom u jkellmuhom. Imbagħad hulħadd ħa t-te flimkien, u saru xi diskorsi minn Mons. Psaila, is-Sur Ant. G. Said, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, is-Sur Nin Cremona u Patri Borne. Fost il-kittieba, barra minn dawn li semmejna kien hemm is-sur Nikol Biancardi, it-Tabib Ġużè Bonnici, is-sur Tank.Borg, it-Tabib R. Briffa, is-sur F. S. Caruana, is-sur Ġużè Chetcuti, it-Tabib Ġ. Galea, is-sur J. F. Marks, is-sur Rik. Mifsud Bonnici, is-sur Ġorġ Pisani, is-sur Geo J. Ransley, is-sur A. V. Vassallo, is-sur Karm Vassallo, is-sur E. B. Vella u s-sur K. Vella Haber. Bosta oħra kienu mistiedna u min għal ħaġa u min għal oħra ma setgħux jieħdu sehem. Il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ftit jiem wara (fl-4 ta' Settembru) stiednet lilhom għal "*Vermouth d'Honneur*" fil-West End Hotel, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar. Dehru, għall-Għaqda, il-President Mons. Dun Karm Psaila, is-Segretarju is-sur F. S. Caruana, is-sur Nin Cremona, Dr. Galea, Dr. Bonnici, is-sur E. B. Vella, is-sur N. Biancardi, is-sur Marju Agius, is-sur Ġorġ Pisani, is-sur Geo. J. Ransley, is-sur Ġużè Chetcuti, is-sur Rikard Mifsud Bonnici, xi wħud minn nieshom u xi ħbieb tal-Għaqda fosthom Miss Constance Strickland, is-sur J. F. Marks u s-sur Fred F. Rigaud.

Is-sur Ivo Muscat Azzopardi u s-sur Ant.G. Said, li kienu Malta flimkien ma' xi għoxrin Malti u Maltija oħra ta' l-Eġittu li xi wħud minnhom kienu lanqas biss qatt raw lil Malta, qabel, ġew milqugħin bosta mill-Maltin, u, barra milli żaru 'l Malta bi ħġara fil-ftit ġranet li damu fostna u ħadu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi u patrijottiċi tat-Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir, kellhom stedin minn għaqdiet u nies privati fosthom kellhom stedina mill-Onor. Miss Mabel Strickland biex iżuru 'l Villa Bologna u l-artijiet tagħha u mbagħad għal Te fl-istess Villa. Mal-Maltin ta' l-Eġittu, għal dan it-Te f'Villa Bologna, kienu mistednin ukoll xi kittieba Maltin fosthom xi membri tal-Għaqda tagħna.

Bil-fors li dawn il-laqgħat ta' kittieba maltin bejniethom u ma' kittieba u Maltin ta' Barra kienu ta' ġid kbir għal-Isien Malti! Inġibu hawn l-ittra li s-sur Ivo Muscat Azzopardi bagħat lis-Segretarju tal-Għaqda malli l-Maltin waslu l-Eġittu :

"Lixandra, 14 ta' Settembru, 1938

Għażiż Ħabib,

F'ismi u f'isem ix-X. T. Q. M. nixtieq niżżiħajr lilek u lill-Imxerkin tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għal-laqgħa sabiħa li għamiltulna u li nħoss għamlet ġid kbir għall-għaqda fost il-kittieba tal-Malti mxerrdin mad-dinja u kattret l-imħabba li l-Maltin ta' Barra kellhom dejjem għal Art twelidhom u għal ħuthom.

Ħabibek dejjem,

Ivo Muscat Azzopardi"

Semmejna ftit qabel illi l-ħidma tal-Għaqda ġiet megħjuna ħafna mill-Gvern u kemm il-Gvern sab għajnuna mill-Għaqda. Issa għandna l-pjaċir ingħarrfu illi r-relazzjonijiet tajba bejn il-Għaqda u l-Gvern waslu hekk li fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Lulju 1938 ġiet imxandra l-lista tal-Kumitat tal-Għaqda għall-informazzjoni ta' kulħadd. Pass il quddiem tajjeb ħafna.

Dan fuq il-"Għaqda u l-Kittieba tal-Malti"; issa xi ħaġa fuq kotba bil-Malti u fuq il-Malti.

Mela, is-sur Ivo Muscat Azzopardi ġieb miegħu, mill-Eġittu, il-ħames ktieb bil-Malti tax-X.T.Q.M., miktub minnu, jismu *Trieq id-DejqaNru. 313.* Din id-darba, is-sur Ivo Muscat Azzopardi daħal għal biċċa xogħol ta' bixra ġdida : *rumanz tad-detectives.* Dan, anzi, tista' tgħidlu l-ewwel wieħed fost *serie* ta' rumanzi bil-Malti ta' din ix-xorta bażati fuq egħmil ta' serq u delitti mikxufa u mxejna minn Bendu Muscat, ix-*Sherlock Holmes* Malti. Billi, kif ġa għidna, dan hu l-ewwel ta' din is-*serie*, ħafna minn dal-ktieb huwa mogħti għal dettalji bijografiċi tad-detective, is-serq li hemm fih, min kien il-ħalliel, l-iskop li għalih isir dan is-serq, li jħallik bil-kurżità fuqu sa l-aħħar, jieħu biss it-tieni nofs ta' dan il-ktieb, iżda huwa mfisser tajjeb ħafna u juri li fil-kittieb hemm ix-xejra, hemm il-ħajra u hemm il-materjal. Nistennew, issa,

it-tieni wieħed: rumanz minn dawk li jħalluk bla nifs u ħalqek miftuħ sa l-aħħar faċċata biex issib l-awtur tad-delitt. Jekk is-Sur Ivo Muscat Azzopardi jirnexxilu li joħroġ ħafna minn dawn ir-rumanzi jkun irnexxielu jżid ħannieqa oħra ġawhar fil-kitba u l-letteratura Maltija u aħna nixtiquh li jirnexxi b'qalbna kollha.

Is-sur Karm Vassallo ħareġ il-poeżijiet tiegħu stampati b'volum sabiħ ħafna. Fil-*Biblijografija* li ġibna fl-aħħar ta' dan il-għadd hemm xi ħaġa fuqu wkoll.

Is-sur Marju Agius bagħtilna kopja tal-ktieb tiegħu : is-*SS. Salvatur f'Malta* li kien stampa fl-1934 bħala tifkira oħra tal-Festa Ċentenarja f'Ħal-Lija. Ktieb żgħir iżda dokumentat ħafna fuq il-qima tal-Knejjes tas-Salvatur f'Malta u Għawdex u l-iżjed f'Ħal-Lija; fl-aħħar hemm deskrizzjoni ħajja tal-Festa Ċentenarja tas-Salvatur li saret fl-1932 u li għandha tibqa' bħala tifkira storika għal Malta. Is-sur Agius talabna ngħidu li "l-imseħbin tal-Għaqda u l-qarrejja tal-'Malti' li jibagħtu f'envelopp l-indirizz tagħhom u 3 bolli ta' sitt ħabbiet għall-ispejjeż lill-kittieb, 57 Trieq Prezjosi Villa Lija, ikollhom kopja ta' dal-ktejjeb bil-posta."

Is-sur Jos. Galea bagħtilna kopja tal-ktieb tiegħu fuq il-*Qima ta' San Vittorju Martri fin-Naxxar*; fih hemm xi tifsir fuq kif bdiet il-qima tal-qaddis San Vittorju u mnejn, kif u meta nġieb f'Malta l-ġisem tiegħu. Sirna nafu li s-sur Jos. Galea qiegħed ihejji xogħol ieħor, storja sħiħa tal-ġrajjiet tan-Naxxar.

Ħareġ it-tieni ktieb tar-riċetti tal-kċina miktub minn Salvu Agius taħt l-isem ta' l-*Imgħallem tal-Koki*. Bħal ta' qablu hu miktub b'Malti tajjeb u b'ortografija mill-aħjar. Ktieb żgħir iżda jiswa ħafna, l-iżjed għall-mara tad-dar.

Bħas-snin l-oħra, id-diskors tat-tifkira tar-Rebħa l-Kbir ta' Malta ġie stampat fi ktejjeb ta' 20 faċċata fl-Empire Press mill-Kumitat tal-Festi. Din is-sena għamlu l-Patri A. M. Born O.P., membru akkademiku tal-Għaqda: diskors li ngħoġob tassew.

Dawn il-ġranet rat id-dawl Grammatka tal-lsien Malti miktuba bl-ingliż u għall-Ingliżi minn Miss May Butcher jisimha *Elements of Maltese*, u stampata fl-Oxford Univer-

sity Press. Għal min ma jafhiex, Miss May Butcher, hi kittieba tajba bil-lsien tagħha,u kemm ilha Malta, xi sitt snin, spiss naraw fil-gazzetti tagħna poeżijiet ħelwin u addattati ħafna għaċ-ċirkostanzi. Għall-kitba tagħha bil-lsien ingliż kienet imfaħħra kemm-il darba minn ġurnali ta' Malta u ta' Barra. Mindu ilha Malta tatha biex tistudja l-Malti, tgħallmitu tajjeb u ħasbet biex thejji t-trieq għal dawk l-Ingliżi bħalha li jridu jitgħallmuh. L-ewwel bil-għajnuna ta' Maltin fid-dar tagħha tgħallmet il-kelma maltija u mbagħad bil-għajnuna ta' grammatiċi u filoloġi, bħas-sur Nin Cremona u l-Prof.Dun P.P. Saydon, irnexxielha tikteb grammatka tiegħu. F'dil-grammatka hemm, biex ingħidu hekk, kull ma jinħtieġ, il-partijiet tad-diskors huma kollha mfissra, u mfissra fit-tul; mhux imħolli barra, fejn jinħtieġ, tagħlim fuq l-ortografija, kostruzzjoni ta' sentenzi u fiha jinsabu bil-ħodon eserċizzji biex wieħed jitħarreġ fit-tagħlim li jkun ħa f'din jew f'dik il-lezzjoni. Billi, kif għedna, din il-grammatka hi miktuba għall-Ingliżi hi miżgħuda b'regoli ta' pronunzja, il-kliem, fl-eżempji u l-eserċizzji, huma mimlija għeliem għat-tlissin tajjeb tagħhom. L-alfabet u l-ortografija tagħha, ma hemmx bżonn ingħidu, huma tal-Għaqda tagħna. Nifirħu bil-qalb lil Miss Butcher ta' din il-biċċa xogħol tagħha li tibqa' ta' ġieħ kbir għaliha, għal-lsien Malti u għall-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Niżżuħajr ukoll lil Miss Butcher tal-kopja li bagħtitilna ta' għanja bl-ingliż u bil-malti (kliem u mużika) miktuba minnha u immużikata minn Julian Wright: *The Symbol* (il-Għelma) b'tifkira tar-Rebħa tat-8 ta' Settembru, 1565.

Biċċa xogħol oħra ta' ingliż ieħor, ħabib tal-Malti u Membru Onorarju tal-Għaqda tagħna, li waslitilna wkoll dawn il-ġranet hi l-*Maltese-Arabic Word-list* tar-Revd. C. L. Dessoulavy, Ph.D.; l-aġenti tal-bejgħ tiegħu huma Luzac & Co. ta' Londra. Ix-xogħol, kif igħid hu stess fid-*Daħla*, hu meħud minn studju komparativ li huwa għamel fuq l-ilsna semitiċi u li ilu jaħdem fih għal bosta snin. F'dan ix-xogħol tiegħu, għal dak li hu kliem malti, hu aktarx ħadem fuq l-ewwel edizzjoni tad-'Dizionario Maltese-Italiano-Inglese' ta' Falzon (1845). Il-kliem Malti huwa mqiegħed fl-ordni ta' l-alfabet Ewropew, u traskritt bl-alfabet tagħna u għalhekk

wieħed isibu tajjeb għal idejh fit-tfittix tal-kelma. Għal dawk kollha li jieħdu interess fi studji komparativi bħal dawn ta' ilsna semitiċi, dan il-ktieb huwa ta' ħtieġa kbira.

Qabel joħroġ dan il-għadd ta' "Il-Malti" jkollna f'idejna r-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* li ħa l-ewwel premju fil-konkors imniedi mill-Gvern tliet snin ilu. Bħalma tafu, dan ir-rumanz, miktub mill-Prof. Ġ. Aquilina, sa joħroġ bħala t-tieni ktieb tal-"Ġabra ta' Kitba Maltija" tat-Tabib Ġużè Bonnici. Nistennew li jkun milqugħ mill-qarrejja tagħna kif jixraqlu.

Fl-aħħar nett qabel nagħalqu din il-kronaka tagħna, ingħidu li ftit granet ilu, id-Direzzjoni tal-Malti ġiet mistiedna biex tara wirja ta' Film fuq l-Air Raid Precautions fejn ġew murija xi metodi ta' ħarsien kontra l-attakki mill-ajru kif ukoll imfissra l-ħtieġa li wieħed, ukoll fi żmien il-paċi, għandu jitgħallem kif għandu jilqa' ruħu, jekk Alla ħares qatt ikun jinħtieġ, kontra dawn l-attakki.

F. S. C.

BIBLIJOGRAFIJA

DUN KARM, *L-Jien u lilhinn minnu.* Għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ. Pp. 30. Stamperija Chretien & Co., 1938.

Din hi l-ogħla biċċa xogħol poetika li nkitbet bi lsienna. Dan qed ngħiduh bla biża' li nitgħalltu. Aħna żguri li din il-poeżija tħaddan l-akbar ħsieb, oriġinali, qawwi, fejjiedi, li għadu qatt tfisser f'poeżija bil-Malti. Li qed ngħidu mhuwiex riħa ta' libien li tixtered, tinfirex, tikber, imbagħad tisfa fix-xejn. Dan hu kliem li l-istoriku u l-kritku ta' għada jkollhom itennu huma u jiktbu l-istorja tal-letteratura ta' pajjiżna.

Xi ħadd saqsa: Imma xi jrid igħid bil-"Jien u lilhinn minnu"? Il-bniedem, minfuħ bih in-nifsu, hieni bil-ħajja sabiħa li tgħix madwaru, kburi bix-xogħlijiet ta' ġmiel u ta' sengħa li jikbru kull ħin fid-dinja ta' ħsebijietu, lissen kelma li ħadmet sħiħ fuq l-inkwina ta' qalbu, il-kelma qalila 'Jien'. Iżda lilhinn minnu hemm ħwejjeġ li r-raġuni, li mingħaliha ma hawn xejn aqwa minnha, ma tasalx biex tifhimhom. Ir-raġuni tħossha mfarrka u mitlufa meta tiġi wiċċ-imb-wiċċ ma' l-egħġubijiet li joktru bla tarf fl-Univers u l-bogħod minnu. Dun Karm, minn dan is-suġġett filosofiku, bena poeżija ta' mħabba lejn Alla, u wera kemm il-'jien' biered u kburi jintilef ħdejn il-għaġeb tal-Mulej li hu kollox.

Jaħdmu id f'id f'din il-poeżijia żewġ elementi: l-element liriku u l-element reliġjuż. Nafu biżżejjed minn għadd ta' poeżiji oħra tiegħu li ġa qrajna kemm Dun Karm b'sengħa li ma titfissirx, b'dehen ta' mgħallem li hu, bi ħlewwa msaħħra, jaf iħaddem ħsiebu fil-qasam liriku. Il-poeta, mogħni minn sentimenti għolja, minn qawwa ta' mħabba, sħiħ fit-twemmin li għallmitu ommu 'fl-iskola ta' ħoġorha', iħoss ruħu miġbud b'saħħa għal dak li hu sabiħ, u waqtiet jintilef f'malinkonija ħelwa, u jpitter quddiem għajnejh ħwejjeġ fantastiċi; għalhekk fuq sfond ta' ħsebijiet għolja jibni dinja ġdida lirika. U dan hu l-element li jżomm ħajja l-poeżija, u l-ħsebijiet jimxu ħelwa, qawwija u li jiftiehmu. Il-versi (paġ. 11) li jaqbdu 'Iżda lil ommi ma ħqarthiex fi ħsiebi' u jagħalqu 'Mhux bin il-għaqal tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru' jiġbru fihom poeżija lirika għall-aħħar, hekk hu kbir il-ġmiel tal-ħsieb tagħhom, u hekk hi ħelwa r-rabta ta' mħabba li tinsiġhom: il-ħsieb fil-kelma għandu mera safi, u t-tnejn—il-ħsieb u l-kelma—jitwaħħdu biex jagħmlu ġmiel ta' versi li jsaħħar.

L-element reliġjuż, bħall-element liriku, għandu sehem qawwi f'din il-poeżija. Dun Karm trabba u kiber fl-imħabba tat-twemmin nisrani, li hu l-ewwel u l-aħjar nixxiegħa ta' ħsebijiet safja li jsebbħu u jgħollu l-arti. Min hu mħarreġ fl-istudji ta' letteraturi barranin jaf li kull poeta li ħalla isem warajh ma satax, anqas kieku ried, ibarri dan l-element fl-ogħla poeżiji tiegħu. Mingħajru mhemmx imħabba, mhemmx ħajja.

Ma' ftuħ il-poeżija mill-ewwel niltaqgħu ma' xejra ta' qtigħ il-qalb; it-tama li tidher fil-bogħod imma qatt ma sseħħ; il-hena mixtieqa; ward, għasafar, u xemx, sbieħ dejjem, imma li ma jaslux biex jitfgħu xaqq dawl fuq il-ħsieb imdallam:

iżda s-sħana tax-xemx ma niżletx f'qalbi,
anqas dijietha ma kisritli d-dalma
illi nġabret fuq ħsiebi.

Il-poeta, imdejjaq, jagħraf li minn għand Alla l-hena, u 'l Alla jitlob: 'Mulej, urini t-trieq tal-hena'. Ebda tweġiba, u dik iċ-ċaħda jħossha tiħrax ġo fih u ddallam id-dawl ta' fehemtu, imma dlonk jisma' ddoqq il-kelma, ħelwa għasel, ta' ommu li ġġib is-sliem magħha:

Qatt la tirtema
taħt it-toqol tal-ħajja: jekk in-niket
għad jiġi wara biebek u jdellillek
darek, u tħoss il-ħobż jimrar u jikber
ġo ħalqek, ftakar illi fik, madwarek,
u fid-dawl tas-Smewwiet għandek iħobbok
missier ħanin li ma jaħqarx 'l uliedu.

Mhux biss f'din il-poeżija, għalkemm f'din xi ħaġa talgħaġeb, il-poeta jdaħħal l-isem ta' ommu, u jorbtu ma l-ogħla ħsebijiet tiegħu. Fix-xbieha li jqiegħed quddiemna ta' ommu, naraw dik il-mara twajba, miġnuna wara l-imħabba ta' binha, ħsiebha dejjem li tqabbdu t-trieq tas-sewwa,u tgħallmu b'kelma rżina kemm ħanina t-tajjeb li jwasslu fejn la hemm għatx ta' mibegħda, la niket u lanqas ħsara. Dun Karm ħabb 'l ommu b'imħabba li ma titfisserx, u għalhekk irid jagħtiha ħajja dejjiema fil-versi tiegħu, bħalma Dante ta l-ħajja lil Beatrice, u l-Petrarca lil Laura. Għax x'għandu isbaħ ilbniedem milli jżomm, safja u sħiħa ġo ruħu, it-tifkira ta' dak li ħabb ?

Fl-aħħarnett xi wħud stagħġbu għax il-poeta stqarr hu n-nifsu li 'dawn il-versi ma humiex miktubin għat-tfal, anqas għall-kbar li ma għandhomx xi ftit tal-kultura.' Qalu li dan kollu tkabbir. Mhuwiex. Kif jista' bniedem bla kultura jifhem u jgħożż il-ħsebijiet moħbija f'dawn il-versi ? Liema art jaqbad bniedem mitluf f'nofs baħar bla tarf, jekk ma jafx imexxi d-dgħajsa tiegħu ? Hekk ukoll fil-każ tagħna. Ħadd ma jaqbad x'ried igħid il-poeta jekk ma jkunx imħarreġ, u mhux ħażin ħażin, fil-ġrajja tal-bniedem, kif bdiet, kif imxiet, kif sawret il-fehmiet li kibru u kotru, u kif dawn il-fehmiet imbagħad ħadmu fuq il-ħajja, individwali, soċjali u reliġjuża, ta' kulħadd. Mela, tabilħaqq maħtur tajjeb il-ktieb 'Lil dawk li jistgħu jifhmuni'.

Ġużè Chetcuti

Karmenu Vassallo, *Nirien*, jew Damma ta' Għanjiet; pp. 104 Giov. Muscat, il-Belt, 1938.

Biżżejjed taqra t-titlu tal-ktieb u l-Kelmtejn ta' Qabel biex tifhem x'hemm fil-qalb u fil-moħħ ta' dan il-poeta żagħżugħ li ma fiħsibux jixjieħ malajr; u s-suġġetti li hu għażel, imqasstin taħt l-ismijiet ta' Ħelsien, Turufnament, Dwal, Imħabba, Qtigħ-il-Qalb u Jien, juruk ukoll li fil-fantasija tiegħu hemm bħal baħar li xi drabi jiġbdek bil-kalma u bis-safa tiegħu u xi drabi oħra jħassbek u jqanqlek bil-mewġiet imdardra, mgħobbijin bil-weraq tal-ħaxix imqaċċat.

Aħna li ħdimna dejjem biex naraw liż-żgħażagħ Maltin jimtlew bl-imħabba tal-lsien malti u jfittxu jaħdmuh bis-sengħa, nifirħu meta jiġu f'idejna kotba bħal ta' Karmenu Vassallo mimlijin bl-imħabba tal-lsien u bil-ħeġġa taż-żgħużija.

Il-versi ta' "Nirien" huma aktarx maħdumin tajjeb u xi wħud minnhom sbieħ tas-sew, Ħelwa u sabiħa fis-sempliċità tagħha "Ħolma": tajba wkoll "Fil-Mewt ta' G. K. Chesterton"; ferrieħa (għalkemm għat-tfal ftit iebsa) "Ilma, Ħaxix u Ward"; maħdumin tajjeb, għalkemm mgħobbijin bl-iswed, "Marzu", "April" u "Ottubru".

Jalla l-Maltin jibdew itiegħmu sewwa l-benna tal-lsien tagħhom u jħeġġu l-produzzjoni letterarja li hu jista' jagħti biex jitneħħa l-għajb li art ta' ċiviltà hekk qadima u ta' lsien hekk għani u qawwi ma għandhiex letteratura kif jixirqilha.

D. K.

Ġino Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket*, pp. 200, 'Empire Press', 1938.

Fil-ktieb tiegħu " Anġli tan-Niket " Ġinu Muscat Azzopardi jgħarraf illi huwa wiret nofs is-sengħa ta' missieru. Maqalx ħażin. U għalkemm Ġinu għadu fil-bidu tat-trieq li għadda minnha l-qatt minsi Ġużè Muscat Azzopardi, hemm biżżejjed għalfejn wieħed igħid bla biża' li jitqarraq illi Ġinu Muscat Azzopardi, jekk jissokta fit-trieq li ġibed minnha, għad jikseb is-sengħa ta' missieru kollha kemm hi fil-kitba tal-Malti—bħala rumanzier.

"Anġli tan-Niket" huwa, bħal bosta rumanzi oħra Maltin, rakkont storiku,—minsuġ fuq l-istorja ta' żmien il-Franċiżi f'Malta.

Sabiħa u bil-għaqal ix-xbieha tat-tliet persunaġġi ġodda li Ġinu daħħal f'dan ir-rumanz tiegħu, jiġifieri: Ġanni s-Seqer, bintu Anna, u Anġlu Abela.

L-aqwa ħwejjeġ li jolqtu lil min jaqra dan ir-rumanz huma:

L-ewwel, fost kollox, hija illi dan il-ktieb juri lil min ma jafx u jġiegħel jemmen lil ħafna li ma jridux jifhmuha illi s-Saċerdot Malti, u l-iktar il-qassis—li billi sekular aktar jista' jitħallat mal-kotra u b'hekk jieħu sehem mill-hena u l-hemm tal-poplu—dejjem qabeż bi rġulija liema bħalha għal art twelidu u għall-pajżani tiegħu.

Dun Mikiel Xerri (li ġa rajnieh f'Nazju Ellul) huwa x-xbieha l-aktar perfetta tas-Saċerdot Patrijota Malti.

It-tieni ħaġa li tirkaċċa sewwa hija l-kobor u l-ħila ta' l-Imħabba, irrid ingħid dik l-*Imħabba* serja u sinċiera li tinbet bejn żagħżugħ u żagħżugħa: tikber, trabbi l-egħruq sewwa u ma tinqeredx ħlief meta t-tnejn igħibu minn wiċċ din id-dinja.

Taħt il-qilla ta' missierha, Anna, bint Ġanni Fenech, imlaqqam is-Seqer, kellha tmidd għonqha għal bosta ħwejjeġ li kien irid minnha missierha u kienet waslet saħansitra biex tqarraq biż-żagħżugħ Anġlu Abela u ġġib fil-periklu l-ħajja ta' nies, Maltin bħalha, li kienu jridu l-ġid lil Malta u lill-Maltin ħuthom.

Kellha tkun *Imħabbitha* għaż-żagħżugħ Anġlu li refgħetha minn xagħarha.

It-tielet ħaġa li tolqot sew hija dik illi rat kemm rat fuq wiċċha, Anna dejjem laqgħet il-hemm kollu, il-moħqrija u l-kefrija bla qies ta' missierha b'sabar liema bħalu—iżda mħabbitha għal art twelidha, għal Malta l-għażiża, ġagħlitha tarfa' rasha: qajmitha. Meta rat il-ħsara kollha li missierha ġieb fuq Malta, id-deni kollu li għamel lill-Maltin, lil patrijoti kbar, hija ma għarfitux iżjed b'missierha u għabet għal kollox minn quddiemu u minn quddiem dawk kollha li kienu jafuha.

Ir-raba' ħaġa hija illi min jaqra ma jistax ma jeqafx jaħseb fuq kif bil-ħlewwa kollha, bl-irġulija u b'għaqal liema bħalu, il-qalbieni, il-għaref Dun Mikiel Xerri rnexxielu mhux biss jagħlaq fomm Anġlu fuq dak li kien ra u sama',

iżda saħansitra minn dak iż-żagħżugħ huwa kiseb għajnuna fil-ħidma tiegħu għall-fidwa ta' Malta u għall-ġid tad-Din Imqaddes tagħna.

Fl-aħħarnett naraw kif Ġanni s-Seqer temm ħajtu! X'tistenna aħjar minn bniedem (li kemm kemm jista' jissejjaħ hekk) ta' dik ix-xorta ?

Hekk kif il-qarrej ta' dan il-ktieb jasal fl-aħħar aktarx li jistaqsi u jgħid:- "Imma din il-ħalja ta' pesta x'daħlet tagħmel f'dan ir-rumanz ?" Iżda wieħed idum ma jkollu ttweġiba ta' dan ukoll.

Hemmhekk, fit-tmiem tal-ktieb, il-qarrej jiltaqa' ma' Anna Fenech taħt ix-xhieha ta' Soru tal-Karità—iddur bilmorda, iddewwihom u ssabbarhom, aktarx moribondi, għax il-biċċa l-kbira tal-milqutin minn dik il-marda kerha u kiefra aktarx kienu jmutu. Ftit aktar 'l isfel imbagħad insibu 'l Saver Muscat,—dak ir-raġel twajjeb: ħanin malfoqra u qalbu mfawra bl-imħabba għal pajjiżu. Saver Muscat imdejjaq kemm wieħed jista' jkun b'dik il-marda tal-biża' (li kemm-il darba dehret wara gwerer u rvellijiet) f'daqqa' waħda jistrieħ daqsxejn, jinsa daqsxejn it-tbatijiet tiegħu: Maġenbu huwa jilmaħ Anġlu: huwa jagħraf lil Anna, Anna Fenech, "Anġlu tan-Niket" u jmut ħieni.

Bħala l-ewwel ħolqa fid-damma ta' kotba li sa joħorġu fil-"Ġabra ta' Kitba Maltija" tat-Tabib Bonniċi huwa ta' riżq tajjeb u xhieda sabiħa li l-ewwel ktieb kellu jkun 'Anġli tan-Niket'. Mil-letteratura Maltija mhux nieqes, miktub bi stil ħafif u sabiħ, mexxej u mżewwaq li ma jdejjaqx tassew—hekk kif jagħlaq kapitlu jkollok mitt sena sa ma tibda l-ieħor ħalli tara kif spiċċa dak u fejn marret dik, billi l-ġrajjiet huma marbutin waħda ma' l-oħra b'dehen kbir.

A. Farrugia Rigaud.

Patri Alb. Busuttil—*Kollezzjoni Żminijietna.* L-ewwel erba' kotba pp. 182, Stamperija Giov. Muscat, 1938.

Fil-bidu ta' din is-sena, il-Patri Ġiżwita Albertu Busuttil beda joħroġ kollezzjoni ta' kotba, miktuba bi stil mexxej u ħafif u bl-ortografija tal-Għaqda, fuq kwistjonijiet importanti tal-lum. Milli qegħdin naraw xinhu jsir madwar-

na, nistgħu nindunaw kemm ikunu ta' ħtieġa kotba li jittrattaw soġġetti li l-lum spiss nisimgħu min isemmihom u jikkommentahom imma xejn ma nafu sod fuqhom għax ilftit li nafu fuqhom, nafuh minn ġurnali jew taħdit li minnhom, ma nistgħux niksbu ħlief nofs tagħrif jew tagħrif nieqes, imġebbed jew mixħut lejn naħa jew oħra minn min ikun jaqbillu.

L-ewwel erba' kotba ta' din il-kollezzjoni u li ħarġu din is-sena huma: 1. Hitler, u l-Istat Totalitarju, 2. Stalin, il-Bniedem ta' l-Azzar, 3. L-Imperu Ingliż u 4. "...u fuq dil-Blata nibni l-Knisja Tiegħi..."

Sirna nafu li dawn il-kotba għamlu suċċess kbir (u ma setgħux ma jagħmlux) hekk li l-Patri Busuttil sejjer ikompli din il-kollezzjoni għas-sena li ġejja b'dawn il-kotba:

1. It-Traġedja Spanjola, 2. Il-Mediterran,
3. L-Ewkaristija u Zminijietna 4. Il-Q. T. Piju XI.

Billi l-ħlas ta' l-abbonament huwa rħis (-/7d. fis-sena) u l-bżonn huwa kbir li dawn il-kotba bil-Malti jimxu ħafna f'idejn l-iżjed f'dawn iż-żminijiet, aħna żguri li l-Patri Busuttil (li l-indirizz tiegħu huwa Kulleġġ San Lwiġi, Birkirkara), barra mill-abbonati l-qodma, ikollu bosta oħra ġodda għas-sena li ġejja.

S.

KOTBA

TAL-

"ĠABRA TA' KITBA MALTIJA"

LI GĦANDHOM JOĦORĠU FIS-SENA 1938

1. Anġli tan-Niket (200 faċċata)

ta' ĠINO MUSCAT AZZOPARDI

Jinbiegħ:	Lill-imsieħba	**1/6**
	Mill-ħwienet	**1/8**
	Għal barra minn Malta	**2/-**

2. Taħt tliet Saltniet (480 faċċata)

tal-Prof. ĠUŻÈ AQUILINA

Jinbiegħ:	Lill-imsieħba	**1/6**
	Mill-ħwienet	**2/6**
	Għal barra minn Malta	**3/-**

3. Leli ta' Ħaż-Żgħir (240 faċċata)

ta' ĠUŻÈ ELLUL

Jinbiegħ:	Lill-imsieħba	**1/6**
	Mill-ħwienet	**1/10**
	Għal barra minn Malta	**2/-**

4. Il-Qawwa ta' l-Imħabba (300 faċċata)

ta' ĠUŻÈ BONNICI

Jinbiegħ:	Lill-imsieħba	**1/6**
	Mill-ħwienet	**2/-**
	Għal barra minn Malta	**2/3**

L-inqas li wieħed jista' jissieħeb hu għal sena (4 Kotba) bi ħlas ta' sitt xelini li jistgħu jinbagħtu "Postal Order" mat-talba għat-tisħib.

Il-ħlas bil-quddiem. Min jibgħat xi flus u ma tasallux irċevuta għeluq it-tmint ijiem, hu mitlub igħarrafna.

Għat-tisħib u ħlas iktbu hekk: Lit-tabib Ġuże Bonnici, 131, Triq San Pawl, il-Belt.

Distributur għal ħwienet ta' Malta u Għawdex

A. C. AQUILINA & Co.
58D Triq Irjali, Il-Belt.